**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Dominic Bailey**

Kaz Numru: 1205/2013

Illum 16 ta' Dicembru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Dominic Bailey, iben Albert u Grace nee Magro imwieled fit-12 ta' Settembru 1974 gewwa Rahal Gdid u li joqghod 1, Sqaq Xintil numru 1, Tarxien detentur tal-karta tal-identita' 533874M:

Talli nhar it-22 ta' Novembru 2013 ghall-habta tas-16:30hrs gewwa Triq il-Buskett, Haz-Zebbug, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal aktar minn 116.47euro, imma inqas minn 1164.69euro ghad-detriment ta' Donavin Tyler Peens u/jew persuni ohra.

U talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon-ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-prosekuzzjoni talbet ukoll li tinhareg ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Donavin Tyler Peens u Stephanie Peens ai termini tal-artikolu 412 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi hekk trattat.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni  u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali tieghu li hija wahda netta kif ukoll il-fatt li ghamel tajjeb ghall-hsara kagonata minnu.

Ghaldaqstant, il-Qorti  wara li rat l-artikoli 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jinhareg ordni ta' protezzjoni billi fic-cirkostanzi m'hemmx il-htiega tieghu.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat